MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 610/2002

**Maryanne Camilleri**

**Vs**

**Sunrays Travel & Tourism Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attrici s-somma hekk likwidata minn din il-Qorti u lilha dovuti a bazi tal-'incentive Scheme" operata mis-socjeta konvenuta u li l-konvenuti minghajr raguni valida u ngustament naqsu milli ihallsu lill-attrici ghas-snin 2000 u 2001, oltre l-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra bonarja tal-2 ta' Settembru kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat illi l-pretensjonijiet attrici ma jeccedux l-Lm2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 8 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza l-attrici m’ghandha tiehu l-ebda awment a bazi tal-Incentive Scheme operata mis-socjeta konvenuta.
2. Illi inoltre l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2147© tal-kodici Civili.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta.

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi prodotti sallum u limitatament ghall-eccezzjoni preliminari in esami, jidher li l-attrici (fol 11 u fol 17 et seq ibid) sal-4 ta’ Dicembru 2001, kienet impjegata mas-socjeta konvenuta bhala ‘general manager’ fuq basi ta’ kuntratt ta’ impieg indefinit. Fid-data msemmija, l-istess attrici kienet giet dikjarata bhala ‘redundant’ u ghalhekk tilfet dan l-impieg. Matul dan l-impjieg, l-attrici kienet tithallas salarju fl-ahhar ta’ kull xahar. Inoltre hi kienet tircievi pagament ulterjuri taht ‘incentive scheme’ li kien beda jopera fl-1 ta’ Jannar 2000. Fl-istess xhieda taghha l-attriic specifikat li hi, filfatt, kienet thallset dak dovut lilha, taht din l-iskema, ghas-sena 2000 izda ma kienet thallset xejn ghas-sena’ 2001 sad-data ta’ terminazzjoni tal-impjieg taghha. Dwar dan, hi esebiet prospett dettaljat li jinsab a fol 18 tal-atti li fih fost hwejjeg ohra hemm specifiati d-dati rilevanti, ghal dan il-kaz kif ukoll l-ammont pretiz minnha bhala ‘incentive bonus’ taht l-istess skema.

Illi in rigward l-istess dati Raymond Farrugia (fol 19 ibid) ammetta li l-istess dati kienu gew imnizzla korrettement fl-imsemmi prospett.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu citat fin-nota tal-eccezzjonijiet jistipula illi l-azzjonijiet ta' "…. domestic servants or other persons paid by the month, or artificers or day labourers fot the payment of their wages, salaries or the supplies due to them' huma preskritti bl-iskadenza ta' sena'.

Illi fl-interpretazzjoni ta' artikolu bhal dak in esami li jinvolvi t-telf ta' dritt bid-dekorrenza tal-perjodu ta' preskrizzjoni specifikat fil-ligi, din il-Qorti hi tal-fehma u konvinzjoni illi dan l-ezercizzju ghandu jsir b'mod restruttiv u favur id-debitur. Fil-kaz in desamina, l-attrici ma hiex qed titlob il-hlas ta' xi ammont dovut lilha bhala paga gew salarju. Difatti hi stess ikkonfermat li s-salarju dovut lilha dejjem thallas lilha. Hi, effettivament qed titlob l-ammont dovut lilha taht l-imsemmija skema u a basi ta' dak specifikat fuq il-prospett gja msemmi u tad-dati hemm mnizzla.

Illi, dan premess, jidher evidenti li a basi tal-interpretazzjoni li ghandha tinghata tal-artikolu hawn fuq citat, it-talba in esami ma tinkwadrax ruhha taht l-istess artikolu u ghalhekk l-eccezzjoni in esami ghandha tigi respinta minghajr il-htiega li tigi esaminata il-kwistjoni dwar jekk l-ammont pretiz hux preskritt 'in toto' jew 'in parte'.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad l-eccezzjoni in esami u tordna li s-smiegh ta' din il-kawza jitkompla in rigward il-meritu taghha.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------